**24 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

**Lorenzo Said**

***versus***

**Natale Turco**

**Bejgħ ta' Ħaġa Ineżistenti — Nullità — Danni — Art. 1425(1), 1420, u 1426(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk l-oġġett tal-bejgħ ma kienx jeżisti fiż-żmien li sar il-kuntratt tal-bejgħ, il-vendita hija nulla; għaliex ma tistgħax tinbiegħ ħaġa li meta tinbiegħ tkun ċċessat li teżisti.*

*U tabilħaqq, il-liġi tagħna tiddisponi wkoll illi tista' tinbiegħ kwalunkwe ħaġa li hi fil-kummerċ, kemm il-darba t-trasferiment tagħha ma jkunx projbit minn xi liġi speċjali; kwindi ma jistgħux jinbiegħu l-ħwejjeġ kollha li huma "extra commercium", u hija kondizzjoni ndispensabbli, biex ħaġa tkun fil-kummerċċ, li tkun teżisti, jew almenu, jekk ma teżistix fil-mument tal-bejgħ, tkun tista' teżisti aktar il-quddiem.*

*Però, hija wkoll liġi illi, jekk il-bejjiegħ kien jaf li l-ħaġa ma kienetx teżisti, u x-xerrej ma kienx jaf b'dan, il-kumpratur għandu dritt għall-ħlas tad-danni minn għand il-venditur.*

*Fil-każ preżenti, l-attur kien xtara kwantità ta' larinġ minn għand il-konvenut, li kellu jipprokuralu l-ispedizzjoni minn Catania, u mbgħad ma ġieblu xejn, għax allega illi l-larinġ kien spiċċa, u għalhekk ma kienx jeżisti, meta sar il-bejgħ; u l-Qorti, wara li enunċjat dawn il-prinċipji, laqgħet it-talba tal-attur għad-danni, fuq il-motiv però li l-provi kienu juru li l-larinġ ma kienx spiċċa u kien jeżisti meta sar il-bejgħ.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut kellu jġiblu 40 tunellata larinġ,

li ġew mibjugħa mill-istess konvenut fid-9 ta' Mejju 1957 bil-prezz ta' £1170, li kellu jitħallas kontro-konsenja; u illi l-konvenut naqas milli jġiblu hawn Malta dik il-partita laring, u għalhekk hu tilef il-profitti fuq l-istess partita laring; liema profitti jammontaw għal £913. 6. 8; talab, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-konvenut hu responsabbli għall-istess danni subiti minnu minħabba n-nuqqas tiegħu, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma fuq riferita ta' £913. 6. 8, jew kull somma oħra li tiġi likwidata, għad-danni konsistenti fil-profitt mitluf minnu minħabba n-nuqqas tal-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tal-24 ta' Lulju 1957, u bl-interessi kummerċjali;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi skond id-dokument fil-fol. 4 tal-proċess, il-kwalità tal-laring li l-konvenut biegħ lill-attur kienet konoxxuta bħala "arance nostrali di Lentini";

Illi erbgħa huma l-eċċezzjonijiet li l-konvenut issolleva kontra d-domanda attriċi, apparti, għal issa, dik subordinata, fil-każ ta' eżitu nfeliċi ta' dawk l-eċċezzjonijiet, rigwardanti l-entità tad-danni; u dawn l-erbgħa eċċezzjonijiet huma:— (1) Li meta sar il-bejgħ il-laring ta' Lentini kien spiċċa, u dan hu ma kienx jafu fil-mument tal-bejgħ; (2) li l-bejgħ kien suġġett għall-konferma; (3) li l-bejgħ kien suġġett għall-otteniment tal-opportun permess tal-importazzjoni; (4) li l-attur, bid-diportament tiegħu, irrinunzja għad-drittijiet tiegħu naxxenti mill-bejgħ;

Riferibbilment għat-tielet eċċezzjoni, din għandha tiġi skartata mill-ewwel. Il-permess tal-importazzjoni ma ġiex negat, anzi lanqas ġie mitlub; u ma ġiex mitlub għaliex ma kienx hemm bżonn, billi l-laring ma kienx ġej; u ma kienx ġej, kif qal il-konvenut, għaliex ma kienx jeżisti, billi l-prodott li minnu kellu jiġi kien eżawrit;

Riferibbilment għat-tieni eċċezzjoni, fl-iskrittura li

minnha jirriżulta l-bejgħ (fol. 4), firmata mill-kontendenti u minn Renato Ellul għad-"Dominion & Colonial Trading Company" ta' Malta, aġenti tal-konvenut, hemm stampati l-kliem "Agents will not hold themselves responsible for non-delivery of goods in whole or in part caused by force majeure. All orders are without engagement and subject to confirmation, and to import and export licence being granted";

Għandu jiġi rilevat illi l-iskrittura saret fuq "order form" tal-imsemmija ditta ta' Malta; iżda mhux għaliex ġiet riċevuta ordinazzjoni għal-laring fuq imsemmi minn dik id-ditta bħala aġenti tal-konvenut, imma għaliex il-bejgħ ġie konkjuż fl-uffiċċju ta' dik id-ditta (fol. 16), u ġiet użata waħda mill-imsemmijin "forms" tagħha bħala karta li fuqha nkiteb il-kuntratt; però, il-bejgħ ġie konkjuż direttament bejn il-konvenut, venditur, u l-attur, kumpratur; u għalhekk, fil-waqt illi l-imsemmija klawsola ta' eżoneru favur l-aġenti għan-nuqqas tal-konsenja minħabba forza maġġuri u ta' kondizzjoni tal-konferma, għandha s-sinifikat tagħha wisq ċar meta l-ordni tiġi meħuda biex tiġi trasmessa lill-prinċipjal tagħhom fl-esteru, ma għandha ebda sinifikat fil-każ preżenti, meta kien l-istess prinċipal li, preżenti f'Malta, direttament ikkonkluda l-bejgħ mal-kumpratur, u dik il-klawsola tiffigura fil-kuntratt sempliċement għaliex, kif intqal, l-iskrittura saret fuq waħda mill-"order forms" tal-imsemmija ditta li jġibu stampata l-imsemmija klawsola. Hu veru li Renato Ellul xehed li l-konvenut qal lill-attur biex jagħmlu l-kuntratt u jittelegrafa biex jgħidulu hux kollox sewwa (fol. 42), iżda dan ma jippretendiehx lanqas il-konvenut; għaliex dan fid-depożizzjoni tiegħu wera li ma kienx hemm kondizzjoni simili: u difatti xehed li t-telegramm għamlu biex jgħid lid-ditta tiegħu f'Catania jmorru Lentini u jlestu l-merkanzija biex tkun lesta ħalli jgħabbuha meta hu jasal Catania (fol. 16 tergo);

Riferibbilment għall-ewwel eċċezzjoni, jekk l-oġġett tal-bejgħ tassew ma kienx jeżisti fiż-żmien li sar il-kuntratt, għaliex il-kwalità ġa fuq riferita tal-laring mibjugħ kienet ġa eżawrita, il-vendita kienet nulla, għaliex ma tistax tin-

biegħ ħaġa li tkun iċċessat li teżisti; u din ir-regola tirriżulta mill-art. 1425 (1) tal-Kodiċi Ċivili:— "Jekk fi żmien il-kuntratt tal-bejgħ il-ħaġa mibjugħa kienet spiċċat għal kollox, il-kuntratt hu null". It-test ingliż juża l-kelma "perished", u t-test taljan ta' dari kien juża l-kelma "perita"; għaliex l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi hija bħal dik tal-art. 1601 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż u bħal dik tal-art. 1461 tal-Kodiċi Ċivili Taljan. Iżda d-dottrina u l-ġurisprudenza fuq dawk il-kodiċijiet estendew il-prinċipju għall-ħwejjeġ "mhux aktar eżistenti" fil-mument tal-istipulazzjoni; u kwindi dik id-dottrina u dik il-ġurisprudenza tgħodd għad-dispożizzjoni kontenuta fil-Kodiċi Tagħna;

Dan il-Kodiċi Tagħna, inoltre, jikkontjeni dispożizzjoni fis-sens li tista' tinbiegħ kull ħaġa li hi fil-kummerċ, kemm il-darba t-trasferiment tagħha ma jkunx projbit minn xi liġi speċjali (art. 1420). Ma jistgħux, kwindi, jinbiegħu l-ħwejjeġ kollha li huma "extra commercium"; u hija kondizzjoni ndispensabbli, biex ħaġa tkun fil-kummerċ, li tkun teżisti, jew almenu, jekk ma teżistix fil-mument, tkun tista' teżisti aktar tard. Il-Kodiċi Tagħna, però, jikkontjeni, fl-art. 1426(1), dispożizzjoni fis-sens li, jekk il-bejjiegħ kien jaf li l-ħaġa kienet spiċċat, ix-xerrej li ma kienx jaf b'dan għandu jedd għall-ħlas tad-danni. Kwindi, jekk il-kuntratt kien null minħabba l-ineżistenza tal-merċi, dedotta fil-kuntratt bil-kwantità, speċi u kwalità — 40 tunellata laring nostrali ta' Lentini — il-konvenut ikun responsabbli lejn l-atturi għad-danni, jekk kien jaf li allura dak il-laring kien eżawrit;

Il-konvenut xehed li ma kienx jaf, għaliex is-soltu l-laring ta' Lentini jdum ma jispiċċa sa l-aħħar ta' Ġunju (fol. 17 tergo), u mhux il-każ li wieħed jikkunsidra jekk setgħax jew ma setgħax ikun jaf, kunsidrati speċjalment il-mezzi faċli ta' kommunikazzjoni; il-għaliex hawn għandna t-test tal-liġi x'napplikaw, u mhux il-prinċipju ġenerali; u t-test tal-liġi hu preċiż, u fil-materja ma jistax jiġi estiż għal dak li seta' jgħid imma ma qalx. Ma tirriżulta ebda prova kuntrarja għall-imsemmija dikjarazzjoni tal-konvenut; però lanqas ma setgħet tirriżulta, l-għaliex lanqas ma jista' jingħad li ġiet raġġunta l-prova konkludenti

illi l-ispeċi u l-kwalità ta' laring mibjugħa kienet ġa eżawrita meta ġie firmat il-kuntratt;

Difatti, il-konvenut xehed illi bejn il-ġurnata li fiha ġiet iffirmata l-imsemmija skrittura — 9 ta' Mejju 1947 — u l-partenza tiegħu għall-Italja, li kienet ftit granet wara, hu ttelegrafa lid-ditta tiegħu f'Catania biex jgħidilhom imorru Lentini u jlestu l-merkanzija biex hu jgħabbiha malli jasal Catania, u li d-ditta tiegħu nfurmatu li l-kwalità rikjesta — "arance sanguinelle nostrali di Lentini" — ma kienetx iżjed teżisti fis-suq (fol. 16 tergo). Xehed ukoll illi s-soltu l-laring ta' Lentini jdum ma jispiċċa sal-aħħar ta' Ġunju, iżda fl-1947 ġara li ġiet ordni kbira ta' 800,000 kaxxi laring u lumi biex jinbagħtu l-Ingilterra fejn dik issena ntlaħaq is-suq tal-esportazzjoni, u allura l-prodott spiċċa, u hu sab, mill-"Camera Agrumaria" ta' Lentini u mill-"Camera di Commercio" ta' Siracusa, li f'nofs April spiċċa l-laring tal-kwalità "Nostrali sanguinelle di Lentini" (fol. 17 tergo);

In sostenn ta' din it-tieni parti tad-depożizzjoni tiegħu, il-konvenut ipproduċa l-ittra ta' Dottor Matteo Campisi, segretarju ġenerali tal-"Camera di Commercio, Industria e Agricoltura" ta' Siracusa, fejn dan qal illi "il raccolto delle arance nostrali di Lentini è stato esaurito nella campagna agrumaria 1946-1947 verso il 15 del mese di aprile 1947" (dol. 9). Il-konvenut ipproduċa wkoll bħala xhud lill-istess Dottor Campisi, u dan iddepona hekk:— "Nel 1946-1947 non vu fu alcun che di eccezionale nella campagna agrumaria, ed in ispecie dei sanguinelli di Lentini. Normalnemente, quindi, posso dire che la campagna ha inizio nel febbraio e termina nel marzo (mhux April kif kien iċċertifika) dello stesso anno; eccezionalmente si protrae ai primi di aprile. Debbo per altro specificare che in quest'ultimo caso trattasi di piccole partite destinate al consumo locale e non alla esportazione" (fol. 113);

Evidentement biex imeri dak li ċċertifika u dak li qal Dottor Campisi, l-attur ipproduċa żewġ ċertifikati li hu ottjena direttament meta kien f'Catania u f'Ruma; wieħed rilaxxjat mill-"Camera di Commercio, Industria e Agricol-

tura" ta' Catania, fejn jingħad illi "per quanto riguarda il periodo di esportazione di detto prodotto (larinġ), le vigenti norme tecniche non fissano alcuna data, nè per l'inizio nè per la fine dell'esportazione" (fol. 135); u l-ieħor rilaxxjat mill-"Istituto Nazionale per il Commercio Estero" ta' Ruma, fejn jingħad illi:— "*L'esportazione* delle arance verso Malta era, nel 1947, liberamente consentita, previo il controllo qualitativo effettuato da questo Istituto ai sensi di legge. Circa le epoche d'inizio e di chiusura delle esportazioni, non può essere indicata una data precisa, dipendendo questa dall'andamento stagionale. In genere l'esportazione ha inizio nella seconda decade di novembre e si protrae sino alla fine di maggio" (fol. 136);

Inoltre, għalkemm Dottor Campisi ddikjara illi ma kienx in grad li jirrispondi għat-tieni domanda, jekk jiftakarx li l-prodott kien spiċċa minħabba li kienet infetħet l-esportazzjoni mal-Ingilterra, u kienet ġiet esportata għal dak il-pajjiż kwantità kbira minn dak il-prodott, għaliex teżula mill-kompetenza tal-"Camera di Commercio", però, meta rrisponda għall-ewwel domanda, beda biex jgħid illi "nel 1946-1947 *non vi fu alcun che di eccezionale nella campagna agrumaria e in ispecie dei sanguinelli di Lentini*" (fol. 113);

Għandu wkoll jiġi rilevat illi, fil-waqt li l-konvenut xehed li meta d-ditta tiegħu ta' Catania, in segwitu għall-imsemmi telegramm tiegħu, infurmatu b'telegramm, jew per mezz tal-kaptan tal-"Anna Maria", il-konvenut qal li ma jiftakarx b'liema mezz fosthom, illi l-kwalità ta' larinġ rikjesta ma kienetx iżjed teżisti fis-suq, hu allura kkomunika lill-attur din l-informazzjoni per mezz ta' Alfred Grima (fol. 16 tergo u 17); imma dan Grima xehed illi kien għadda ħafna żmien meta l-konvenut talbu biex jgħid lill-attur ixoljieħ mill-vendita għar-raġuni li kien impossibbli li jġib il-larinġ, u li ma taħ ebda raġuni l-għaliex ma kienx jista' jġibu (fol. 62). Anki l-attur xehed li ġie nfurmat mill-konvenut fis-sens li dan ma setgħax jibagħtlu l-merkanzija wara bosta żmien; u difatti l-attur xehed li, meta qallu hekk, talab l-ispedizzjoni kontra tiegħu ta' mandat tal-impediment tal-partenza, u dan jirriżulta li ġie

maħruġ fl-24 ta' Lulju 1947 (fol. 41 tergo). L-attur xehed ukoll illi, wara li sar il-bejgħ, il-konvenut ma telaqx immedjatament lejn Catania biex jibgħat il-laring, kif kien ipprometta li jagħmel; u kien ipprometta li jitlaq kif ikun bnazzi, u li bnazzi kien imma ma telaqx. L-attur xehed ukoll li kien jgħidlu li kellu kollox lest u li, kif ġa ġie rilevat, kien bosta żmien wara li qallu li ma kienx sejjer jibgħatlu l-laring (fol. 41 tergo);

Mill-kumpless tal-provi, wieħed jirrikava illi normalment il-laring in kwistjoni jinsab fis-suq sa l-aħħar ta' Mejju, u li ma ġiex soddisfaċentement pruvat li fis-sena 1947 kien hemm xi ġrajja li eżawrietu qabel; u kwindi ma ġiex soddisfaċentement pruvat li fil-mument tal-bejgħ l-oġġett tiegħu kien ineżistenti;

Riferibbilment għar-raba' u l-aħħar eċċezzjoni fis-sens li l-attur bid-diportament tiegħu irrinunzja għall-bejgħ, din ma ġietx pruvata .....;

Għaldaqstant, l-erbgħa eċċezzjonijiet fuq riferiti għandhom jiġu, u qegħdin jiġu, respinti; u hemm lok għal-likwidazzjoni tad-danni li l-attur seta' sofra minħabba n-nuqqas da parti tal-konvenut li jikkonsenja lill-attur il-partita laring fuq imsemmija lill-istess attur mibjugħa skond il-kuntratt fuq imsemmi; għal liema danni l-konvenut hu responsabbli;

Tirriżerva għas-sentenza finali d-deċiżjoni tal-ispejjeż ta' din is-sentenza, u għall-udjenza tas-6 ta' Marzu 1959 il-provvediment meħtieġ sabiex tkun tista' ssir il-likwidazzjoni tad-danni.